Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 128/2024

## It-Tlieta 26 ta' Marzu, 2024

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali Rabat Citta' Victoria |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Kunsill Lokali Qala |
| Dr. Marlene Cini | Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali Xagħra |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali Xewkija |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali Fontana |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr. Samuel Azzopardi ppresjeda l-Laqgħa.

**128.1 Talba**

128.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**128.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

128.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 127 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**128.3 Laqgħa mal-Community Police.**

128.3.1 Kienu preżenti ż-żewġ surġenti nkarigati mill-Community Police f'Għawdex. Is-Surġent Jason Xerri u s-Surġent John Grima. Huma nfurmaw lir-Reġjun li qed isir ċaqliq tal-Community Police filgħaxija minn l-irħula ż-zgħar għar-Rabat. Dan minħabba l-problemi li qed ikun hemm f'ċertu postijiet fir-Rabat. Huma nfurmaw ukoll li mhux isir ċaqliq tal-pulizija fl-inħawi l-kbar. Ġiet ippreżentata l-istatistika tal-kriminalita' f'Għawdex f'dawn l-aħħar sentejn. Jidher li l-kriminalità qed tiżdied hekk kif il-popolazzjoni qed tikber, speċjalment fil-lokalitajiet ta' Marsalforn, ir-Rabat, Għajnsielem u x-Xlendi.

128.3.2 Is-Surġenti nfurmaw lill-membri tar-Reġjun dwar l-inizjattiva tan-"Neighbourhood Watch" li diġa qeda tinħadem fi tmien lokalitajiet. Il-preżenza ta' CCTV huwa wkoll deterrent għall-kriminalita'.

128.3.3 Ġiet diskussa wkoll il-problema tan-nuqqas ta' sistema sabiex jitneħħew vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru. Fil-preżent m'hemmx sistema f'postha sabiex oġġetti bħal dawn jitneħħew u post fejn jistgħu jkunu ppostjati.

128.3.4 Ġiet diskussa ukoll il-problema tal-ħruġ ta' skart fi ġranet li fihom ma jinġabarx. Is-Surġenti ssuġġerew li jsir aktar għarfien lir-residenti, speċjalment fejn hemm numru kbir ta' residenti barranin.

128.3.5 Il-President tar-Reġjun, Dr. Samuel Azzopardi rringrazzja lill-Community Police tas-servizz tagħhom. Hu qal li minn meta beda dan is-servizz sar titjib fil-lokalitajiet tagħna, kif ukoll qed jagħti serħan tal-moħħ lill-anzjani u residenti tagħna.

**128.4 Korrispondenza.**

128.4.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar it-talba mingħand il-Kuntrattur tal-ġbir tal-Iskart għaż-żieda tal-COLA. Id-Direttur Ġenerali ta d-direzzjoni lill-Reġjuni wara li ħa l-parir mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Peress li dan il-kuntratt huwa "fee based contract" ir-Reġjuni mhumiex obbligati li jżiedu l-ammont tal-kuntratt. Ġie ċċarat li dan ma jfissirx li l-Kuntrattur mhux obbligat li l-Kuntrattur m'għandux iħallas lill-ħaddiema tiegħu il-COLA.

128.4.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand NRGY Concepts dwar il-possibilità li r-Reġjun Għawdex jikkollabora ma' din il-kumpanija f'kampanja *door to door* f'April permezz ta' tqassim ta' 17,000 flyers. Huma qegħdin jitolbu ħlas ta' €1,000. Huma

qed jissuġġerixxu li r-Reġjun jirriklama l-iskeda tal-ġbir tal-iskart f'dan il-flyer. Il-membri qablu mal-President tar-Reġjun li fil-preżent m'hemmx bżonn ta' dan.

128.4.3 Ir-Reġjun irċieva email mingħand Daniel Borg, CEO tal-Gozo Business Chamber dwar l-attivita' għaż-żgħażagħ tal-European Youth Week. L-attivita' ser tkun nhar is-Sibt, 4 ta' Mejju bejn id-9:30 ta' filgħodu u nofsinhar fil-Queen Mary University of Gozo Campus. Dan peress li l-venue huwa ċentralizzat u bla ħlas. Ir-Reġjun ser jieħu ħsieb is-segwiti:

(a) Koordinament mal-youth ambassadors tal-Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm preżenza qawwija għall-attivita';
(b) Koordinament mal-President sabiex ikun preżenti għal din l-attivita;
(c) Preżenza ta' uffiċċjal ieħor mir-Reġjun;
(d) Photographer għal matul l-attivita.

128.4.4 Ittra mingħand id-Direttur Christopher Galea dwar żieda addizzjonali tal-ġbir tal-iskart. Id-Direttur informa lir-Regjun li l-ftehim li hemm sabiex jinġabar l-iskart kummerċjali u kif ukoll dak organiku u mħallat miċ-ċimiterji ser jiskadi fit-18 ta' Mejju 2024. Hu talabna sabiex niġbru kwotazzjoni għall-komplament tas-sena 2024 sa Mejju 2025.

Ir-Reġjun Għawdex flimkien mal-5 Reġjuni l-oħra ftehmu sabiex jitolbu lid-Direttur biex il-Gvern Ċentrali jkopri l-ispejjeż ta' dan l-addendum, kemm tas-sena 2023 kif ukoll dik tas-sena 2024. La darba dan isir ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni li jagħmel tali talba lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

128.4.5 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Wasteserv fejn ġie nformat li ntlaħaq ftehim dwar il-kwistjoni tal-rimborż tal-organic waste miċ-ċimiterji.

128.4.6 Il-Reġjun Għawdex rebaħ premju mingħand il-Wasteserv tal-*Malta Waste Reduction Awards 2024.* Ir-Reġjun ġie *1st Runner Up* fil-kategorija "Award for Waste Management Category". Il-premju għal dan huwa għotja ta' €3,000 biex jiġu nvestiti għall-benefiċju għall-ambjent. Il-President issuġġerixxa li b'dan il-grant jinxtraw fliexken li jistgħu jerġgħu jintużaw (water bottles) u jitqassmu lit-tfal tal-iskola sekondarja (fejn ikun hemm tfal mill-irħula kollha). Kien hemm qbil għal dan is-suġġeriment mingħand il-membri preżenti.

128.4.7 Il-Membri tar-Reġjun Għawdex ġew informati li l-parteċipanti tal-Orchestre Européen 2024 (4 żgħażagħ) ser ikollhom imorru ġurnata qabel minħabba nuqqas ta' l-flights. Ir-Reġjun Għawdex ser tħallas l-ispejjeż addizzjonali tal-lukanda.

128.4.8 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand l-ERA li kienet statistika tar-Reġjun Għawdex relatata mal-kontravenzjonijiet mogħtija fix-xhur ta' Jannar u Frar 2024. Matul ix-xahar ta' Jannar ingħataw żewġ kontravenzjonijiet mentri fix-xahar ta' Frar ingħataw tlett kontravenzjonijiet. Is-Sindki ma kienux kuntenti b'dawn il-figuri. Talbu sabiex issir laqgħa ma' uffiċċjali tal-ERA waqt laqgħa tar-Reġjun.

Ir-Reġjun irċieva wkoll korrispondenza mingħand l-ERA dwar tqassim ta' uffiċċjali li ser jitqassmu madwar ir-Reġjun għall-spezzjonijiet fejn hemm problemi ta' skart. Il-Kunsilli jridu jinfurmaw lill-maniġer inkarigat mill-maniġjar tal-iskart dwar dawn l-inħawi.

128.4.9 Il-Maniġer tal-Kultura ġibdet l-attenzjoni dwar sħubija fil-EFFE (European Festivals Festivals for Europe) Seal for Cities and Regions. Is-siġill EFFE għall-bliet u reġjuni tal-festival huwa rikonoxximent u stedina għall-bliet u r-reġjuni li jixtiequ jassoċjaw u jintegraw l-iżvilupp u l-immaġni tagħhom b'impenn b'saħħtu ta' festival, kulturali u Ewropew. Kien hemm qbil li r-Reġjun Għawdex jiffirma l-EFFE Seal for Cities. Il-President qal li jekk din l-isħubija ma teħtieġx xi ħlas ta' miżata tas-sħubija jew xi spejjeż oħra r-Reġjun jista jiffirma u jkun parti minn dan il-proċess.

**128.5 <u>European Region of Gastronomy 2026.</u>**

128.5.1 Bħala applikanti għat-titlu tal-European Region of Gastronomy 2026 hemm bżonn li jkun hemm website ddedikata speċifikament għal dan il-għan. Dan jirrikjedi spejjez ta' madwar €750.

128.5.2 World Food Gift Challenge. Il-world food gift challenge hija kompetizzjoni biex tagħti premju u viżibilita' internazzjonali lil ikel artiġjanali u ta' kwalita' għolja u ta' snajja' relatati mal-ikel mir-Reġjuni Ewropej u Dinjija tal-Gastronomija. Biex nipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni hemm ħlas ta' €1,200. Il-Maniġer tal-Kultura ħadet ħsieb tikkordina tlett pakketti bi prodotti lokali li juru ikel tradizzjonali tagħna. Dawn ntbagħtu Abha, Saudi Arabia fejn ser issir il-kompetizzjoni.

**128.6 <u>European City for Culture 2031.</u>**

128.6.1 Il-Maniġer tal-Kultura qed tlesti d-dokumenti rikjesti sabiex il-Fondazzjoni Victoria 2031 tiġi reġistrata mal-Malta Business Chamber. Jista jkun hemm bżonn ta' estenzjoni.

**128.7 <u>Regional Year of Culture Gozo 2025.</u>**

128.7.1 Ir-Reġjun tal-Kultura hija inizjattiva tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali li ġġib fuq quddiem l-identita' kulturali unika tar-reġjun permezz ta' kollaborazzjonijiet bejn il-komunitajiet tar-reġjun u l-Kunsilli Lokali, organizzazzjonijiet, artisti u partijiet interessati oħra. Ir-Reġjun tal-Kultura huwa sforz kulturali li jdur fis-sitt reġjuni. Fis-sena 2025 dan it-titlu ser ikun fdat lir-Reġjun ta' Għawdex. Għal dan il-għan ir-Reġjun ta' Għawdex għandu bżonn joħroġ sejħa għall-Artistic Director kif ukoll għall-logo. Il-membri preżenti qablu li dawn is-sejħiet joħorġu.

**128.8 <u>Reviżjoni tal-Kuntratti tal-Maniġers.</u>**

128.8.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva kjarifika tad-Direttiva 2 li nħarġet fl-2023 dwar l-interpretazzjoni tas-salarju fil-ftehim li bih kienu ingaġġati l-Uffiċċjali Maniġerjali fir-Reġjuni. Dawn għandhom jitħallsu l-massimu ta' Skala 7 b'żiediet annwali tal-Collective Agreement tal-Uffiċċjali Pubbliċi. Il-maniġers eżistenti għandhom jingħataw arretrati tas-snin li huma kienu impjegati mar-reġjun. Id-Diviżjoni għandha talloka fondi addizzjonali biex uffiċċjali li kien qed jinħarġilhom is-salarju fiss, jingħataw l-aġġustament f'forma ta' arretrati.

128.8.2 Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan iżda inġibdet l-attenzjoni li dan mhux ġust mas-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni.

128.8.3 Il-President tenna li dawn huma fatti ovji.

**128.9 Festival Letterarju.**

128.9.1 Il-Maniġer tal-Kultura talbet sabiex terġa tiġi organizzata l-attivita tal-Festival Letterarju bit-tema "Linja Ħamra". Il-membri approvaw li din l-inizjattiva terġa ssir.

**128.10 Materji oħra.**

128.10.1 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi nforma lill-membri u għamilha ċara li il-maniġers tar-Reġjuni bl-ebda mod ma jistgħu jkunu sindki. Fil-preżent għandna żewġ maniġers li huma kunsilliera. Peress li dawn ma jattendux laqgħat tar-Reġjun ma jkunx hemm konflitti. Jidher li hemm xi għajdut li dan huwa permissibbli u għalhekk qed issir din id-dikjarazzjoni f'dan il-ħin.

128.10.1 Il-President issuġġerixxa li ssir ikla għal dawk il-membri (kemm Sindki kif ukoll membri sostituti) li jattendu l-laqgħat tar-reġjun fuq bażi regolari qabel jintemm din il-leġislatura (u qabel l-elezzjoni).

**128.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti.**

128.11.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 140 li kienet tammonta għal €298,061.21.

**128.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

128.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-19:45 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 30 ta' April fis-6 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |